MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2008

Numru 851/2008

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

vs

Anthony Bonavia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 249653(M) li hu akkuzat talli nhar l-10 ta’ Settembru, 2008 ghall-habta tas-6:45hrs gewwa l-Ministeru tal-Gustizzja w Intern, Pjazza Palma, Valletta, b’diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula minnu b’rizoluzzjoni wahda,

1. ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u

cioè Irene Sammut detentrici ta’ karta ta’ identita bin-numru 686049(M) u kkagunalha griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Mark Rosso MD bin-numru ta’ registrazzjoni 2079, fil-waqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi mill-awtorità kompetenti;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioè Irene Sammut detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 686049(M) waqt li kienet ghamlet jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghha jew jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’ Irene Sammut detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 686049(M), persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ hsara volontarja fuq propjeta tal-Gvern ta’ Malta, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bonordni jew il-kwiet pubbliku;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghad li kien xurban, qal kliem oxxen jew indicenti jew ghamel gesti oxxeni jew b’xi mod iehor offenda l-morali u l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika ;

7. hebb kontra l-persuna ta’ Irene Sammut, sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;

8. ingurja u/jew hedded lil Irene Sammut bi kliem;

9. irrifjuta li jaghti lil ufficjal pubbliku ismu konjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra;

10. renda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(c) fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Irene Sammut u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurtà ta’ Irene Sammut u l-familja taghha ai termini tal-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kusens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament.

Semghet lill-kwerelanta Irene Sammut tahfer l-imputat u tirrinunzja ghal kull haga li hi rinunzjabbli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat mhux qieghed jikkontesta li fil-jum u hin riportati fl-akkuza huwa ikkawza l-incident li jofri l-isfond ghall-akkuzi kontrih riportati.

Mix-xhieda mhux biss tal-imputat izda wkoll tal-kwerelanta u l-persuna adetta ghas-sigurtà mal-Ministeru tal-Gustizzja w l-Intern, fejn sehh l-incident, jirrizulta li l-imputat kien irrabjat u din l-Qorti f’certu sens tifhmu u thadru u ser tiehu c-cirkostanzi ta’ fatt in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena.

Mill-akkuzi kontestati lilu u fid-dawl tar-rinunzja tal-parti leza l-Qorti ser tieqaf milli tiehu konjuzzjoni tal-ewwel akkuza u tiddikjara l-imputat hati tat-tieni, l-hames, is-sitt u s-seba’ akkuza, din ta’ l-ahhar li hija assorbita fit-tieni.

Rat ghall-finijiet ta’ piena l-Artikolu 95, 338(bb) u (dd) u 17 tal-Kap 9. Filwaqt li kkunsidrat ic-cirkostanzi mitiganti u tiddikjara t-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet mhux pruvati stante li ma rrizultax anzi fil-fehma ta’ din il-Qorti hu eskluz

definittivament xi intenzjoni specifika tal-imputat li jikkommetti dawn ir-reati, ghalhekk tilliberah minnhom.

Wara li kkonsidrat li l-imputat ilu tnax-il jum arrestat preventivament. Tiddeciedi ghalhekk kunsidrati c-cirkostanzi kollha li tikkundannah komplessivament tnax-il jum prigunerija bit-tnaqqis taz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Tapplika fil-konfront tieghu l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 u tqeghdu taht garanzija ta’ 232.94 euro ghall-zmien sena mil-lum li ma jersaqx jew b’mod iehor jimmolesta lil Irene Sammut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------